MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 298/2007

Il-Pulizija
(Spt. D. Zammit)
Vs
Robert Brincat

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-27 ta' Gunju, 2007, ghall-habta tal-11.45 p.m., fi Triq ix-Xatt, Gzira, saq vettura, bin-numru tar-registrazzjoni IBD 407:

1. b'manjiera perikoluza;
2. saq jew prova jsuq jew kellu kontroll ta' l-imsemmija vettura fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
3. irrifjuta jew naqas milli jaghti skond il-ligi kampjun tan-nifs jew kampjun ta' l-urina;
4. saq l-istess vettura minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji ghal terzi persuni;

5. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tajjar lil Karen Pace u nvolontarjament ikkagunalha offizi ta' natura gravi per durata skond kif iccertifika Dr. Clifford Caruana M.D. ta' l-Isptar San Luqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Lulju, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 225 u 226(1)(a) tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-appellant hati tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' akkuza migjuba kontra tieghu w ghalhekk illiberatu minn dawn l-akkuzi, izda sabitu hati tal-ewwel u tal-hames akkuza migjuba kontra tieghu w ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' elf lira Maltin (LM1000). Inoltre ordnat s-sospensjoni ta' kwalunkwe licenzja tas-sewqan tal-appellant ghal perjodu ta' sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-31 ta' Lulju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ma sabitx htija fl-appellant ghat-tieni, tielet u r-raba' akkuza w tillibera lill-appellant mill-ewwel akkuza w l-hames akkuza dedotti kontra tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- 1. Li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi w dan peress li hemm dubju serju dwar kemm verament Karen Pace qasmet iz-*zebra crossing* meta kien hemm id-dawl ahdar jew le ghall-*pedestrians*; 2. Li l-Ewwel Qorti injorat ix-xiehda indipendenti ta' Alfred Coleiro li kkorrobora r-rapport tal-istess Pulizija; 3. li ma ingabat ebda prova li Karen Pace sofriet offiza ta' natura gravi *per durata* ; 4. Li l-Ewwel Qorti applikat il-piena hazin meta ghamlet riferenza ghall-art. 225 tal-Kodici Kriminali w ukoll tat piena harxa meta imponiet multa ta' elf lira Maltija (LM1000) fl-applikazzjoni tal-art. 226(1)(a) tal-

Kodici Kriminali kif ukoll is-sospensjoni ta' sitt (6) xhur licenzja meta l-istess artikolu jistabilixxi minimum ta' tlitt xhur sospensjoni; 5. Salv aggravji ohra.

Rat is-sentenza preliminari taghha tat-18 t' Ottubru, 2007 li biha, konformament mall-gurisprudenza in materja, peress li ma giex osservat id-dispozittiv tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali illi jghid li meta l-Qorti taghti s-sentenza trid tindika l-artikoli tal-ligi li tahthom tkun qed tinstab htija w  in vista tal-qbil bejn il-partijiet li s-sentenza hija parzjalment nulla, ddikjarat is-sentenza appellata nulla biss f' dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant instab hati ta' l-ewwel imputazzjoni  ta' sewqan b' manjiera perikoluza w tal-hames imputazzjoni dwar offiza ta' natura gravi involontarja w ordnat il-prosegwiment tal-kawza biex din tkun tista’ tigi deciza mill-gdid minn din il-Qorti skond il-ligi fuq l-ewwel imputazzjoni w l-hames imutazzjoni.

Semghet it-trattazzjoni fl-istess seduta;

Ikkonsidrat;

Illi ix-xiehda traskritti fil-process jistghu jigu fis-sustanza riassunti kif gej:-

**Karen Pace** xehdet li kienet qed taqsam it-Triq f' The Strand, Gzira fis-27 ta' Gunju, 2004, ghall-habta ta' nofs il-lejl nieqes kwart (23.45pm) biex tmur lejn il-car tal-habib taghha li kienet wieqfa man-naha tal-bahar, fejn it-traffic lights ezatt, li dak il-hin kienu qed jindikaw li hi setghet taqsam. Il-karozza ma tafx minn liema direzzjoni giet. Meta intlaqtet hi intilfet minn sensiha w haduha l-isptar, fejn damet erbat ijiem. Kellha ponti f' rasha w f' ghajnejha w sofriet "*permanent scar*" f' ghajnejha w ma tistax tara minnha. Baqghet tattendi l-*outpatients department* al menu sa Mejju, 2005 meta xehdet quddiem l-Ewwel Qorti. Baqghet tbaghti ukoll minn ugiegh ta' ras u ugieh f' saqajha.

In kontroezami, x-xhud qalet li wahedha kienet qed taqsam u mhux wara grupp ta' nies. Qabel ma qasmet

kienet iccekkjat x' kulur kien id-dawl u dan kien ahdar zgur ghax hi persuna tibza' hafna.

**Shaun Mifsud,** il-habib ta' Karen Pace, xehed li, wara li ttajjret, Karen Pace spiccat lejn il-pompa tal-petrol il boghod miz-zebra crossing. Hu l-incident ma rahx ghax dak il-hin kien wiccu lejn l-ATM man-naha tal-bini fejn kien qed jigbor xi flus. Wara Karen ittiehdet l-isptar u baqghet diehla w hierga l-*outpatients* sa' Mejju, 2005 meta kien qed jixhed.

**Alfred Coleiro,** li kien ipparkjat man-naha tal-bini quddiem is-showroom ta' Bartoli ihares lejn xi ghamara fil-vetrina, xehed li sema hoss ta' habta w, meta hares, ra karozza bajda wahda miexja w waqfet lagemba. L-incident ma rahx pero'. Meta hares ra li d-dawl kien normali w haseb li l-car kien habat ma xi karozza ipparkjata.

**PS 513 Anthony Gerada** xehed li kien gie infurmat li kien gara incident tat-traffiku fix-Xatt tal-Gzira u, meta mar fuq il-post, sab lil van numru IBD-407 li kien misjuq mill-appellant. Fuq il-post ma sab ebda *brake marks*, pero' bejn il-*pedestrian crossing* u l-post fejn kien waqaf il-van sab ammont tajjeb ta' hgieg. Meta kellem lill-appellant fuq il-post, dan qallu li li kien gej mid-direzzjoni tal-Msida lejn tas-*Sliema meta hin minnhom ra xi grupp ta' nies qed jaqsmu minn fuq il-pedestrian* crossing, kiser lejn ix-xellug biex jevithom u baqa' tiela b' parti mill-vann fuq il-bankina. F' dak il-hin ma jaf li laqat lil hadd. Kellu riha ta' xorb u beda' jitkellem b' mod irregolari w ghalhekk hu qallu li ser jaghmillu l-*breathalyser test*. Meta haduh l-isptar pero' l-appellant irrifjuta li jaghmel dan it-*test* u meta gie imsejjah mit-tobba biex jigi ezaminat, ma sabuhx hemm ghax kien telaq mill-Isptar, kif jirrizulta minn dokument (Dok. 2). Esebixxa ukoll l-sketch tal-incident li kien hejja hu stess. Minn dan l-sketch (fol. 39 tal-process) jidher li l-vann waqaf aktar minn 16.30 metru l-boghod mit-tarf tal-*pedestrian crossing* u li bejn il-van u l-*crossing,* f' nofs il-karreggjata li tiehu traffku lejn tas-Sliema, kien hemm roqa' demm fit-triq u kwantita' ta' hgieg imkisser bejn din ir-roqa' demm u l-*pedestrian crossing*..

Meta kellem lil Coleiro dan kien qallu li sema' hoss, dawwar rasu biex jara x' kien gara w, kif hares lura, sab li persuna kienet mitluqa fit-triq u dak il-hin id-dawl tal-*pedestrrian crossing* kien ahdar ghat-traffic. Meta hu kien staqsa lil Karen Pace, din qaltlu li ma tiftakarx jekk xeghelitx il-*pedestrian crossing* jew le.

**It-Tabib Dottor Clifford Caruana** xehed li kien ezamina lil Karen Pace fid-Dipartiment tal-Emergenza w sabilha xi brix f' wiccha u qatgha fuq il-gemb ta' wiccha, tbengila in-naha tal-lemin ta' mohha w qtugh iehor fuq in-naha tax-xellug t' ghajejha w tbengila f' irkobbtejha w barxa ohra fuq sieqha. Minnhabba il-qtugh li kellha fuq in-naha tax-xellug ta' wiccha, in-natura tal-ferita giet gravi. Hu ma regax ra lil Pace wara. Esebixxa certifikat (Dok. 4 a fol. 44) li minnhu kien jidher li l-ferita kienet gravi *per durata*.

B' verbal registrat fl-udjenza tat-28 ta' Dicembru, 2006, (fol. 51), Dr. Edward Gatt ghall-appellant iddikjara li kien qed jaqbel li l-feriti kienu ta' natura gravi minghajr pregudizzju ghall-kwistjoni tar-responsabbilta'

**L-appellant** ma xehedx.

Ikkonsidrat;

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta , jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' *"Degree"*. (App.Krim. **Pul. vs. Charles Bartolo** 14.3.59 **; Pul. vs. Wilson,** Vol. XXXIX p. 1018 **u Pul. vs. Alfred Vella,** Vol. XLIV ; p. 933) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. **Pul. vs. Hardingham** , 19.10.1963) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' *"recklessness"* (App. Krim. **Pul. vs. Charles Farrugia** XXXIX p. 1018.) "*Recklessness*" giet defenita bhala *"wilfully shutting one's eye* ".(App. Krim. **Pul. vs. Joseph Aquilina** , 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita

is-sinistri stradali (App. Krim. **Pul. vs. Antonio Spiteri** , Vol. XLIV , p.892)

Illi gie ukoll ritenut fl-Appell Kriminali : **“The Police vs. Gunner Brian Wilson**” [7.5.1955] li :-

*“It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more serious than mere careless driving.”* (ara ukoll f’ dan is-sens : App. Krim. **“Il-Pulizija vs. Manwel Mallia”** [9.3.1959] u “**Il-Pulizija vs. Charles Bartolo** “ [14.3.1959] (Kollez. Vol. XLIII p. 1001 u p. 1016 , rispettivament)

Umbaghad fl-Appell Kriminali : **“Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes”** ( [3.5.1953] Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108) gie ritenut li ;- *“sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta’ normi regolamentari .”*

*“Biex jintegra ruhu r-reat ta’ sewqan perikoluz jehtieg mod ta’ sewqan li juri certu grad ta’ recklessness u non-kuranza tali li jigi krejat perikolu u mhux bizzejjed li fil-kaz partikolari kien hemm potenzjalita’ ta’ perikolu.”* (ara. App. Krim. “**Il-Pulizija vs. Charles Farrugia”** [5.3.1955] Vol. XXXIX, iv. p.978)

Insomma kif gie ritenut fl-appelli kriminali ta’ **Mallia** u **Bartolo** fuq citati “*kriterju facli bejn sewqan negligenti w sewqan perikoluz ma hux facli li jigi stabilit, kif lanqas wiehed ma jista’ jaghti definizzjoni preciza ta’ sewqan perikoluz. Il-kwistjoni hija kollha wahda ta’ “degree” u kull kaz ghandu l-fattispecji tieghu.”*

Illi skond ir-regolament 89 tar-Regolamenti tal-1994 Dwar il-Vetturi bil-Mutur, *"…meta triq tkun immarkata b' linji bojod paralleli jew b' sinjali ohra biex juru post ta' qsim ghall-uzu ta' nies bil-pass, il-vetturi kolha li jkunu qed jersqu lejn dak il-post ghandhom imexxu bil-mod u , jekk ikun hemm bzonn, ghandhom jieqfu, biex ihallu lin-nies bil-pass jaqsmu dak il-post ta' qsim, u ma ghandhom f' ebda kaz jaqsmu l-passagg ta' xi nies bil-pass li jkunu qed juzaw dak il-post ta' qsim."*

Umbaghad il-paragrafu 124 ta' "The Highway Code" jirrakkomanda li :-

*"When approaching a PEDESTRIAN CROSSING always be ready to slow down or to stop so as to give way to pedestrians; give them the right of way on these crossings...."*

Ikkonsidrat;

Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Emmanuele Grixti**" (Kollez. Vol. XXXVII , iv. p.1217) "*ghandu jigi ezaminat x' kienet il-kawza prossima tal-habta ."* u *"Sabiex ikun hemm responsabbilta' ghall-kollizzjoni jinhtieg li jkun hemm **nexus** fis-sens li l-vjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizzjoni."* (Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Nazzareno Micallef**" [3.12.1960]) . *"Il-vjolazzjoni tar-regolamenti stradali ghandhom indubbjament l-importanza taghhom imma ma humiex bizzejjed biex jistabilixxu l-htija tal-kollizzjon*i." (Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. V. Pavia"** (Kollez. Vol. XXXVI , iv. p.744) .

L-abbli difensur tal-appellant, ghalkemm mhux qed isemmiha espressament, donnu jidher li qed jinvoka d-difiza tas-"*sudden emergency*" ghax qed jallega li l-pedestrian qasmet meta d-dawl kien ahdar, haga li pero' lanqas qalha l-appellant lis- Surgent Gerada a tempo vergine. Issa pero', kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera"** [13.12.68] :

*“Driver ma jistax jissolleva b’success id-difiza tas-”sudden emrgency” meta l-emergenza jkun holoqha hu.”*

Gie ukoll ritenut li : "*Driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li*
*jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu*
*jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga*
*ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver*
*jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att*
*inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni*
*li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment."*
( App. Krim. **"Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud"** [26.6.1954] Kollez.
Vol. XXXVIII, p.iv. p.859)

Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li :-

*"Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoini ta' emergenza subitanea minnhabba fih , dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian ."* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Alfred Caruana"** [14.5.1955]; Kollez. Vol. XXXIX, p.iv p.1031).

*"Huwa veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali imma biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu , jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta'*

*vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita' perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali w jirregolaw il-velocita' taghhom b' margini sufficienti ta' sikuezza."* (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. George Muscat"** [6.5.1961] Kollez. Vol. XLV p.iv. 947)

Gie ukoll ritenut li "*ghalkemm il-pedestrian ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu ukoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam.." "Jekk il-pedestrian ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-driver tal-car milli juza dak il-grad ta' 'reasonable care' li tinhtieg. Dana kollu jinghid dejjem sakemm ma tkunx giet mill-pedestrian krejata lid-driver, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragionevolment possibbli, azzjoni tempestiva evaziva."* (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Formosa"** Kollez. XLIII, p.iv. p.1023). F' sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha ; eg. *"meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat"* (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Thornton"** Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Cassar Desain**" Kollez. Vol. XLVI . p.iv. p.765).

Il-Corte di Cassazione Taljana , meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabiliet li f' kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet :-

a) "che il-conducente , per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistara il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;

b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;
c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."

Ikkonsidrat;

Kif gja intqal, l-appellant kien qed javvicina "pedestrian crossing" minn fejn facilment seta jipprevedi li qed jew ser jaqsmu n-nies. L-appellant a tempo vergine hareg bil-versjoni li ma hi korroborata minn hadd li kien hemm grupp ta' nies jaqsmu minn fuq il-pedestrian crossing u biex jevithom gibed lejn ix-xellug u tela' fuq l-bankina. F' ebda hin ma jsemmi li l-lights kienu hodor ghalih u lanqas biss jaf li laqat u tajjar lil Karen Pace, u dan minkejja li kien instema hoss ta' habta al menu mix-xhieda Coleiro w Mifsud u li inkiser xi hgieg fil-vettura minnu misjuqa. Ma jghidx li ra lill-pedestrian li intlaqtet lanqas.

Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li “*Hu dover ta’ “driver to see what is in plain view”.*
(App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Vella"** - [10.8.1963] ) u li “*min ma jarax dak*
*li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm “a proper lookout”*
(Appell Kriminali : **“Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"** [17.6.1961] ). "*Keeping a proper*
*lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what*
*is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole*
*road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area,*
*of the pavements on the side of the road as well."* ("**Newhaus vs. Bastion Insurance**
**Co. Ltd."** [1968].

Ikkonsidrat;

Illi mill-istat tal-provi kif inhu , jirrizulta li Karen Pace qasmet min-naha tal-bini lejn in-naha tal-bahar fuq pedestrian crossing meta t-traffic lights kienu jippermettulha li taqsam u li l-appellant - jew ghax kien qed jara doppju minhabba l-effett tax-xorb li kkonstata s-Surgent fuq il-post tal-incident - effett li l-appellant ghamel minn kollox biex ma jigix konstatat kemm meta rrifjuta li jiehu l-*breathalyser test* kif ukoll meta sparixxa mill-isptar - jew ghax ma kien qed jara xejn , minnflok waqaf ghax skondu ra gemgha nies qed jaqsmu, gibed lejn ix-xellug u spicca tela' anki in parti fuq il-bankina tan-naha tal-bini w b' dana kollu lanqas jaf li laqat lil Pace. Din il-versjoni tal-appellant moghtija *a tempo vergine* lis-Surgent Gerada, ma ghandhiex mis-sewwa, mhux verosimli u mhux attendibbli lanqas sal-grad tal-probabbli w din il-Qorti ghalhekk taccetta bhala aktar kredibbli w veritjiera l-versjoni moghtija mill-vittma Pace. Wiehed jistaqsi legittimament ghaliex l-appellant hass il-htiega li jigbed fuq ix-xellug u mhux jieqaf? Ghax ma kienx attent bizzejjed? Ghax ma kellux kontroll tal-vettura? Jew ghax ma kien qed jara xejn? F'kull kaz u f' kull ipotesi dan ikun jammonta ghal sewqan hazin fi grad tali li jammonta ghal sewqan perikoluz u li poggieh taht "*a self inflicted incapacity"* li jevita li jinvesti lil Karen Pace . Ghalhekk hu hati kemm tal-ewwel kif ukoll tal-hames imputazzjoni.

Illi mbaghad, anki kieku l-pedestrian forsi ma esploratx sew it-triq qabel kompliet taqsam, dan ma jezonerax lis-sewwieq mill-obbligi tieghu. Dan ghaliex - apparti mill-fatt li fuq il-*pedestrian crossing* hi kellha tinghata precedenza mill-awtista - f' sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal xi tort da parti tal-pedestrian f' dan il-kaz. (Ara Appelli Kriminali: **"Il-Pulizija vs.Gaetano Schembri"** [16.3.1961]; **"Il-Pulizija vs. John Polidano**"[3.11.1963]**"Il-Pulizija vs.Rev.C.Mifsud"** (Kollez. Vol. XXXVIII; iv. p.1131) u ohrajn.). Fi kliem iehor, il-*"contributory negligence*" ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (App.Krim."**Il-Pulizija, vs. P.Vassallo",** [Kollez.Vol.XXXVII,iv.p.883]). Umbaghad jekk stess kien hemm xi negligenza

kontributorja da parti tal-pedestrian, – li din il-Qorti ma ssibx li jirrizulta – dan seta’ biss, ghal massimu, serva ghall-attenwazzjoni fil-piena u xejn aktar.

Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li mill-assjem tal-provi, kemm diretti kif ukoll cirkostanzjali, l-appellant ghandu jinstab hati ta' sewqan b' manjiera perikoluza skond l-ewwel imputazzjoni kif ukoll tal-hames imputazzjoni li involontarjament ikkaguna offiza ta' natura gravi minnhabba sfregju fuq il-persuna ta' Karen Pace.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi, wara li annullat is-sentenza appellata parzjalment biss fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel u tal-hames imputazzjoni, qed terga tiddeciedi mill-gdid l-istess imputazzjonijiet fil-mertu w, wara li rat l-artikoli 15 (1) (a) u (2) tal-Kap.65 u l-artikoli 225 u 226 (1) (b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, in vista tal-gravita' tal-kaz, pero' bl-assorbiment tal-ewwel imputazzjoni fil-hames imputazzjoni ghall-fini tal-piena, skond l-art. 17(h) tal-Kap. 9, tikkundanna lill-appellant ghall-multa ta' elf lira Maltin (Lm1000) u tiskwalifikah milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur li jibdew jiddekorru min-nofs il-lejl tal-lum.

Jekk il-multa ma tithallasx fi zmien tletin (30) tigi konvertita awtomatikament f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------